MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-09 ta' Ottubru, 2020

Rikors Numru 764/2020/2 LM

Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 764/2020/1 LM fl-ismijiet:

**John Cordina eżerċjenti l-kummerċ bħala Caffe Cordina**

**vs.**

**L-Awtorità tal-Artijiet u b'digriet tat-30 ta' Ġunju, 2020 ġie awtorizzat jintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis* Matthew Piccinino (KI 145683M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Matthew Piccinino tat-23 ta' Lulju, 2020.

Rat ir-risposta ta' John Cordina tas-7 ta' Awwissu, 2020.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 764/2020/1.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Fir-rikors tiegħu l-intervenut Matthew Piccinino qiegħed jitlob li l-Qorti tieħu l-mezzi neċessarji *ai termini* tal-artikolu 601(1) u (2) tal-Kap. 12 sabiex tiġi investigata d-dikjarazzjoni ġuramentata li għamel John Cordina fir-rikors promotur għall-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni 764/2020/1, fejn iddikjara illi *"effettivament, id-deċiżjoni inkwestjoni ittieħdet biss sabiex jiġi aġevolat ċertu Matthew Piccinino li permezz ta' applikazzjoni PA2188/17 approvata fit-8 ta' Ġunju 2017, iżda li* ***għadha sal-lum soġġetta għall-proċeduri ta' appell*** *quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) biddel il-ħanut tiegħu għall-ħanut Klassi 4C, fetaħ bieb minuri (u dejjem magħluq) fuq Misraħ ir-Repubblika u applika sabiex jieħu l-imwejjed u siġġijiet allokati b'konċessjoni lil Eddie Camilleri ta' Eddie's Bar. Sabiex jiġi kkumpensat dan tal-aħħar ittieħdet il-konċessjoni tas-siġġijiet u mwejjed tal-appellant Cordina."*

Tqis illi bħala fatt mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet li Matthew Piccinino kiseb il-permess sabiex ibiddel il-ħanut tiegħu għal ħanut Klassi 4C, il-klassi li abbażi tagħha tista' sservi l-ikel, u sabiex jiftaħ bieb fuq Pjazza Reġina, permezz tal-permess numru PA 6091/16, li ġie approvat definittivament u li qatt ma kien suġġett għal appell. L-applikazzjoni PA 2188/17, li għadha soġġetta għal appell, hija sabiex Piccinino jagħmel *"tables, chairs and umbrellas in Misraħ ir-Repubblika infront of Class 4C establishment…".*

Rat l-artikolu 601(1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis illi element kruċjali għall-proċedura kkontemplata taħt l-artikolu 601 tal-Kap. 12 huwa li "x-xhieda attakkata bħala falza tkun tali li x'aktarx ikollha importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża". Ix-xhieda attakkata mhux biss trid tkun falza imma trid tkun tali li aktarx ikollha importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-proċeduri.

Tqis illi ma jistax jingħad li *a tempo vergine*, waqt it-trattazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni, l-intervenut fil-kawża Matthew Piccinino b'xi mod attakka bħala xhieda falza dak li ntqal minn John Cordina fir-rikors promotur għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, fejn dan iddikjara li permess sabiex Piccinino jbiddel il-ħanut tiegħu għal ħanut Klassi 4C kien għadu soġġett għall-appell. Loġikament jekk tabilħaqq l-imsemmija dikjarazzjoni ta' John Cordina x'aktarx li kien ser ikollha importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-proċeduri, ċertament li l-intervenut Matthew Piccinino, li ma kienx preżenti waqt is-smigħ tal-Mandat, u l-avukat difensur tiegħu, kienu jirrilevaw dan bl-aktar mod assertiv u adamanti, sabiex proprju jiżguraw l-imsemmija 'xhieda falza' ma jkollhiex influwenza sostanzjali u determinanti fuq l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

Illi fi kwalunkwe każ tqis illi l-provvediment tagħha tal-14 ta' Lulju, 2020 sabiex jinħareġ il-Mandat t'Inibizzjoni kellu bħala skop ewlieni tiegħu li jikkawtela il-jedd *prima facie* tar-rikorrent li l-Awtorità intimata timxi b'mod trasparenti, ġust u raġonevoli fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu, kif ġiet mistiedna li tagħmel mit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva u sussegwentement mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). Il-konsiderazzjoni ewlenija ta' din il-Qorti meta ġiet biex tagħti l-provvediment tagħha, kienet li r-rikorrent, bħal kull ċittadin ieħor fil-pajjiż, għandu dritt li f'kull ċirkostanza jiġi trattat b'mod ġust u raġonevoli minn awtorità bħalma hija dik intimata, u żgur li din mhijiex kwistjoni li għandha tkun determinata 'at the pleasure of government'. Il-Qorti qieset li *prima facie* deher li l-Awtorità intimata naqset milli timxi b'mod ġust u raġonevoli meta ma pprovditx lir-rikorrent bl-informazzjoni dettaljata dwar kif waslet eżattament għad-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2020. Preġudizzju dan li ma setax jiġi rimedjat mod ieħor jekk mhux billi jsir eżerċizzju ta' verifika rigward jekk l-imsemmija deċiżjoni tal-awtorità intimata mexietx fuq il-kriterji indikati fis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-28 ta' Jannar, 2019, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-5 ta' Lulju, 2019.  X'permessi kellu maħruġa favur tiegħu mill-Awtorità tal-Ippjanar l-intervenut Matthew Piccinino, u liema permessi kienu soġġetti għal appell jew le, ma jistax jingħad li din kienet xi konsiderazzjoni ta' importanza sostanzjali u wisq inqas determinanti fuq il-mertu ta' dawk il-proċeduri.

Għar-raġunijiet suesposti tiċħad it-talba tal-intervenut Matthew Piccinino.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intervenut, hawnhekk rikorrent, Matthew Piccinino.

Moqri.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**